



Nota ta' informazzjoni

Il-Lussemburgu, id-19 ta' Janjar 2023

L-awdituri tal-UE jqabblu l-fondi għall-irkupru mill-COVID-19 ma' dawk ta' koeżjoni

Is-snin li ġejjin se jkunu kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li hija l-finanzjament ewlieni tal-UE għar-rispons għall-pandemija, u l-partijiet ikkonċernati diġà wrew interess qawwi fil-mekkaniżmu ta' finanzjament ġdid tagħha. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed tfejji lilha nfisha biex toħroġ għadd ta' rapporti dwar is-suġġett. Illum, l-awdituri ħarġu analiżi komparattiva tal-RRF u tal-finanzjament taħt il-politika ta' koeżjoni tal-UE biex jgħinu fit-tfassil ta' konklużjonijiet preliminari li jikkontribwixxu għat-tfejji tal-baġit fuq terminu twil tal-UE wara l-2027. Ir-rapport analitiku jħares lejn is-similaritajiet u d-differenzi bejn iż-żewġ strumenti f'termini tal-governanza u l-ġestjoni tagħhom, il-programmazzjoni tal-infiq, il-kundizzjonijiet biex isiru l-pagamenti, il-monitoraġġ u l-ispiża tal-implimentazzjoni, il-kontroll, u l-awditjar.

Fil-qosor, is-EUR 724 biljun f'finanzjament mill-UE li saru disponibbli permezz tal-RRF ifissru li, bejn l-2021 u l-2027, il-pajjiżi tal-UE jistgħu jonfqu sinifikattivament aktar fondi tal-UE milli setgħu jagħmlu qabel fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Dan se jżid ukoll il-proporzjon tal-investimenti pubbliċi ffinanzjati mill-UE fl-Istati Membri kollha. Billi l-RRF topera b'mod parallel mal-finanzjament taħt il-politika ta' koeżjoni, il-pajjiżi tal-UE jistgħu jagħżlu li jiffinanzjaw investimenti permezz ta' kwalunkwe wieħed miż-żewġ strumenti. Il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom hija għalhekk ta' importanza kruċjali, billi l-pajjiżi jeħtiġilhom jżguraw li iż-żewġ strumenti jikkomplementaw u mhux jidduplikaw lil xulxin. Minħabba l-iskopijiet differenti tagħhom, iż-żewġ strumenti jiġu implimentati skont qafas kumplessiv differenti u arranġamenti ta' governanza u ta' ġestjoni, il-koll differenti, u dan ifisser li l-korpi tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom responsabbiltajiet differenti għal kull strument. Il-finanzjament taħt iż-żewġ strumenti huwa pprovdut permezz ta' għotjiet; għall-RRF, il-finanzjament jiġi żborżat ukoll fil-forma ta' self ripagabbli. L-appoġġ taħt il-politika ta' koeżjoni allokat lill-pajjiżi jieħu kont tad-disparitajiet reġjonali; dan mhux il-każ għad-distribuzzjoni tal-finanzjament taħt l-RRF. L-istrumenti jvarjaw ukoll sinifikattivament f'termini tal-proċessi ta' approvazzjoni u ta' valutazzjoni tagħhom: filwaqt li l-pagamenti taħt il-politika ta' koeżjoni huma bbażati fuq l-ispejjeż reali, il-kundizzjonijiet biex isiru pagamenti taħt l-RRF jinvolvu l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri, li huma wkoll il-bażi għall-kontroll u l-awditjar. B'riżultat ta' dan, għall-RRF, il-Kummissjoni tiddependi aktar fuq is-sistemi nazzjonali biex tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-UE jiġu protetti b'mod effettiv.

Informazzjoni ġenerali

Ir-rapport analitiku tal-QEA "Finanzjament mill-UE permezz tal-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: analiżi komparattiva" u l-programm ta' ħidma tal-QEA għall-2023+ huma disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502